PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10547 — Voith/Voith Hydro)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 16/06)

1. Fl-4 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-grupp ta' kumpaniji Voith, inklużi Voith GmbH & Co. KGaA u JMV Hydro Beteiligungen GmbH (kollha flimkien "Voith", il-Ġermanja), finalment ikkontrollati minn grupp ta' persuni;

— Voith Hydro Holding GmbH & Co. KG u s-sieħba ġenerali tagħha Voith Hydro Holding Verwaltungs GmbH ("Voith Hydro", il-Ġermanja), ikkontrollati minn Voith Hydro Beteiligungen GmbH, li min-naħa tagħha hija kkontrollata bi sħab minn Voith u Siemens Energy Global GmbH & Co. KG, sussidjarja ta' Siemens Energy AG ("Siemens Energy", il-Ġermanja).

Voith takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Voith Hydro kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Voith: manifattura u bejgħ ta' magni tal-karta, impjanti li jaħdmu bl-enerġija mill-ilma, teknoloġija tat-trażmissjoni tal-kontroll għall-vetturi kummerċjali u l-karozzi tal-linja, makkinarju agrikolu u tal-kostruzzjoni, materjal fuq ir-roti, applikazzjonijiet għat-tbaħħir u applikazzjonijiet industrijali għal bosta setturi indutrijali,

— Voith Hydro: manifattura u bejgħ ta' unitajiet tal-enerġija għall-impjanti tal-enerġija mill-ilma.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10547 — Voith/Voith Hydro

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË